MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 1326/1991/2

Norman Spiteri bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Boxit Ltd
vs
L-Avukat Dottor Pierre Lofaro u l-Prokuratur Legali Carmen Depasquale li b’digriet tas-7 ta’ Jannar 1992 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera Box Clever Limited u li permezz ta’ nota tal-15 ta’ Frar 1996 Eric George Findlay assuma l-atti f’isem is-socjeta` Box Clever Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni l-attur nomine li biha ippremetta:

Illi permezz ta’ kuntratt konkluz bejn il-kontendenti fil-6 ta’ Gunju, 1990, l-attur nomine xtara u akkwista minghand is-socjeta` konvenuta makkinarju li jinsab elenkat fl-istess kuntratt li kopja tieghu giet annessa mac-citazzjoni u immarkat bhala Dokument “A”;

Illi wara li gie konsenjat l-istess makkinarju u beda jigi stallat fil-fabbrika ta' l-attur nomine rrizulta li dan il-makkinarju ma kienx tal-kwalita pattwita u kien affettat minn difetti serji kif jgi pruvat ahjar fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

Illi a kawza tal-inadempjenzi da parti tas-socjeta` konvenuta l-attur nomine sofra u qieghed isofri danni;

Illi ghalkemm interpellati sabiex jirrimedjaw dawn id-difetti s-socjeta` konenuta baqghet inadempjenti.

Ghalhekk l-attur *nomine* talab li l-Qorti:

1. Tiddikjara li l-makkinarju mibjugh u konsenjat lis-socjeta' attrici ai termini tal-kuntratt li gie konkluz bejn il-kontendenti fil-5 ta' Gunju, 1990 ma kienx tal-kwalita pattwita u li kien affettat minn diffetti u li konsegwentement l-istess konvenuti nomine huma responsabbli ghad-danni kollha sofferti u li qieghed isofri l-attur nomine;

2. Tillikwida d-danni soferti mill-attur nomine okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jhallsu lill-attur nomine hekk likwidati in linea ta' danni.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u d-dokumenti prezentati mill-attur *nomine*.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut l-Avukat Dr Pierre Lofaro *et nomine* li biha eccepixxa:

1. Illi l-konvenuti ma humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jitolbu lill-attur *nomine* sabiex jaghtihom l-indirizz tas-socjeta` estera minnhom assistita sabiex jikkomunikaw maghha bl-iskop li jiddeffenduha.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

**C. ECCEZZJONIJIET ULTERJURI:**
Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut l-Avukat Dr Pierre Lofaro *et nomine* li biha eccepixxa:

1. Illi qabel xejn, l-azzjoni proposta mill-attur, safejn hija dwar difetti mohbija, hija milquta bid-dekadenza skond il-ligi.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ma hux minnu li l-makkinarju kellu d-difetti li dwaru qieghda tilmenta s-socjeta` attrici.

3. Illi safejn hija dwar kunsinna ta’ oggetti li allegatament ma kinux tal-kwalita` pattwita, l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, billi l-makkinarju kunsinnat kien dak li dwaru ntlahaq ftehim bejn il-partijiet, li kien *second hand*, u li jinsab elenkat u deskritt fl-iskedi mehmuza mal-kuntratt tal-5 ta’ Gunju 1990.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista u d-dokumenti tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

**D. KONTRO-TALBA:**
Rat il-kontro-talba tal-konvenuti *nomine* li biha ppremettew:

Illi s-socjeta` konvenuta kienet bieghet u ikkunsinnat lis-socjeta` attrici makkinarju elenkat fl-iskedi mehmuza mal-kuntratt tal-5 ta’ Gunju 1990 (Dok A);

Illi s-socjeta` attrici ghad ghandha thallas lis-socjeta` konvenuta l-ekwivalenti ta’ ghoxrin elf Lira Sterlina (Stg

£20,000) bilanc ta’ somma akbar, prezz ta’ l-istess merkanzija, kif ukoll imghaxijiet kummercjali u spejjez;

Illi, b’sentenza moghtija fit-18 ta’ Gunju 1992 il-*High Court of Justice, Queen’s Bench Division, Manchester District Registry,* ikkundannat lis-socjeta` attrici sabiex thallas lis-socjeta` konvenuta s-somma ta’ ghoxrin elf Lira Sterlina (Stg £20,000) flimkien ma’ l-imghaxijiet u l-ispejjez:

Ighid ghalhekk l-attur *nomine* ghala ma ghandhiex din il-Qorti:

1. Tikkundannah ihallas lill-konvenuti *nomine* l-ekwivalenti f’munita lokali s-somma ta’ ghoxrin elf Lira Sterlina (Stg £20,000) skond ir-rata ta’ kambju applikabbli meta tinghata s-sentenza;

Bl-imghaxijiet dekoribbli mid-data meta l-hlas kien dovut skond il-kuntratt tal-5 ta’ Gunju 1990, u bl-ispejjez kontra l-konvenut *nomine* li hu mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenut.

**E: ECCEZZJONIJIET GHALL-KONTRO-TALBA:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ghall-kontro talba ta’ l-attur ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut li biha eccepixxa:

Illi in linea preliminari l-kontro-talba intavolata mill-konvenut hija f’dan l-istadju proceduralment inamissibbli stante li din giet avvanzata flimkien mal-eccezzjonjiet ulterjuri u ghalhekk l-attur ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-mertu tat-talba rikonvenzjonali gja gie deciz mill-Qrati Inglizi u cioe` mill-High Court of Justice Queen’s Bench Division, Manchester District Registry, fit-18 ta’ Gunju 1992, liema sentenza hija finali, u ghalhekk tikkostitwixxi *res gudikata* bejn il-kontendenti, bil-konsegwenza li s-socjeta` konvenuta hija prekluza li tagixxi [*recte* tadixxi] din il-Qorti sabiex tottjeni sentenza ohra hawn Malta meta

minflok kien imissha titlob l-ezekuzzjoni ta’ din is-sentenza estera, u kwindi t-talba rikonvenzjonali ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-mertu, il-makkinarju konsenjat lill-atturi irrizulta li ma kienx tal-kwalita` mwieghda u ghalhekk huwa dispost li jircievi l-makkinarju in kwistjoni bi prezz anqas wara li din il-Qorti tistabbilixxi l-prezz attwali ta’ l-istess makkinarju okkorendo bl-opera ta’ periti u dan a tenur ta’ l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub mill-konvenut nomine mhuwiex dovut billi skond it-termini tal-kuntratt il-bilanc kellu jkun pagabbli wara li jinhareg certifikat minn T.T. Engineering Limited li l-istallar sar adegwatament u a sodisfazzjon ta’ l-attur nomine.  Sa llum dan ic-certifikat ghadu qatt ma sar u kwindi t-talba tal-konvenut hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-attur nomine jirrivela li ghalkemm din il-Qorti nominat lill-Avukat Legali Pierre Lofaro u l-Prokuratur Legali Carmen Depasquale bhala kuraturi deputati sabiex jiddefendu u jirrapresentaw lis-socjeta` konvenuta, jidher mill-atti processwali li l-istess socjeta` konvenuta inkarigat lill-avukat Dottor Giannino Caruana Demajo u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello sabiex jassistuhom u ghaldaqstant l-attur nomine ma ghandux ibghati l-ispejjez tal-kuraturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-attur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**F. PROVI:**

Rat id-digriet tat-13 ta’ Ottubru, 1993 li bih Joseph Pule` gie nominat bhala Perit Tekniku bl-assistenza legali ta’ Dr. Marco Grixti.

Rat ir-rapport ta’ Joseph Pule` (bl-Ingliz) a fol 142 *et* li hu maghmul fuq il-partijiet differenti kif ser jinghad, u fih issemma li:

*“1) PETERS COMBI 400 3 COLOR PRINTER/SLOTTER*

*I saw this machine in operation. It was working quite normally. It came to my knowledge that during installation, this machine was damaged when it was hit by a forklifter driven by a T. T. Engineering personnel. Apparently the damage was considerate, involving time & expenses. One emergency stop was not functioning. I inspected the automatic take off staker which had the stacking mechanism in operation. I noted that the electronic sensing device was damaged. All the hydraulic equipment was installed but inoperable due to the damaged sensor.*

*2) ROTE FORME 1168 ROLLER PRESS*

*This was underneath a pile of cardboard when switched on it functioned normally but I was told that when in use it damaged constantly the cutting knives. On closer examination I noted that the upper roller plastic lining was unstuck from the cylinder. This in my opinion was causing the damage to the cutting knives.*

*3) 3 NIWA SHAFTLESS REELSTANDS*

*Of the three mentioned reelstands I saw only two. One was complete and assessed to be serviceable. The other was outside the factory & completely dismantled. At a later date I did see it being serviced at ATLAS Engineers of Corradino.*

*4) LARGE & SMALL CROSSLAND PLATEN PRESSES*

*These were in operation surrounded by piles of cardboard.*

*5) E FLUTE CORRUGATOR/LAMINATOR*

*This was not in operation at the time of access. It takes quite some time to get this line working. Boxit representative brought to my attention that the vacuum*

*delivery of the laminator never did work, but since the whole line was shut down, I could not make my conclusions.*
*6) THRISSEL B&C FLUTE SINGLE FACER*
*This was also not in operation. It was brought to my attention that initially it was installed the wrong way round by T.T. Engineering Ltd. This was later noticed by Mr. Franklin who immediately remedied the fault.*

*It would have helped this case to be cleared if an affidavit from T.T. Engineering would have been obtained."*

Rat illi fit-18 ta' Marzu 2003 Dr. Cassar Pullicino iddikjara li s-socjeta `estera konvenuta giet imhassra minn fuq ir-registru tal-kumpaniji waqt li Dr. Caruana Demajo iddikjarat li l-istess socjeta` konvenuta tinsab fi stat ta' stralc, pero` ghaha ma gietx imnehhija minn fuq ir-registru.

Rat li fid-9 ta' Ottubru 2003 a fol 500 *et* il-Perit Tekniku Joseph Pule` xehed in eskussjoni fejn bazikament qal li l-magna kien qabbadha waqt l-access izda ma kienx raha tiffunzjona, u dan minhabba li z-zewg *rollers* li suppost huma sinkronizzati ma kienux hekk u kien hemm bzonn li s-*sleeve* ta' fuq tigi inkullata. Ir-*rollers* iridu jkunu sinkronizzati u d-dijametru l-istess minhabba li altrimenti ma tkunx taqbel ic-cirkumferenza. Minhabba li s-*sleeve* ma tkunx issikkata jintilef id-dijametru. Semma li l-*cutting knives* kien rahom mal-hajt, u dawn kienu mghawgin *in the same direction*. Zied li kien hemm *traces* ta' kolla imma *adhesion* ma kienx hemm. Il-magni ma kienux *in full working condition*. Kien hemm bzonn li jsiru xi tibdiliet b'mod li f'xahar zmien kollox kien ikun *in operation* u l-magni jergghu jigu jahdmu kif suppost. Il-magni gew istallati hazin u min zarmahom kien gie jarmahom Malta ghax hekk kellu jsir skond il-kuntratt, u dan kien bniedem barrani.

Rat li fis-17 ta' Ottubru 2007 (fol 529) Dr. Caruana Demajo b'riferenza ghall-osservazzjoni tal-perit legali fuq il-kontro-talba issottomettiet li bil-principju ta' l-ekwivalenza l-kontro-talba ghall-hlas tas-somma

kanonizzata bis-sentenza barranija tista' titqies bhala talba ghall-gharfien u ezekuzzjoni ta' l-istess sentenza.

Rat id-digriet li permezz tieghu Dr. Marco Griscti gie nominat bhala Perit Legali.

Rat id-digriet tal-10 ta' Dicembru 1999 li permezz tieghu fejn Dr. Mark Chetcuti gie nominat bhala Perit Legali biex jissostitwixxi lil Dr. Marco Griscti.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Mark Chetcuti li fih issemma li:
"KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI
L-esponent jissottometti li bejn il-kontendenti sar ftehim ta' bejgh li jinsab a fol 5 tal-process, datat 5 ta' Gunju 1990 ghal diversi bcejjec ta' makkinarju u dan skond l-artikoli 1 u 2 ta' l-istess ftehim, kif ukoll ghaz-zarmar u taghbija f'*containers* ta' uhud mill-istess makkinarju, izda l-ispiza ghalih kien soggett ghal ftehim bejn is-socjeta` attrici u T.T. Engineering li kellu jiehu hsieb l-istallazjoni. Kellu wkoll jissuplixxi l-i*spare parts* godda u uzati u *manuals* u *drawings*. Fost il-kundizzjonijiet generali a fol 8 tal-process, il-venditur cioe` s-socjeta` konvenuta ntrabtet li l-makkinarju jigi stallat '*in full working order*', skond 'l-i*specified operating requirements*' tal-kumpratur, cioe` s-socjeta` attrici. Ix-xoghol ta' istallazzjoni kellu jsir minn T.T. Engineering li ghal tali ftehim is-socjeta` konvenuta ma hix parti. Ghalkemm il-ftehim ta' bejgh sar dakinhar, pero` l-partijiet ftehmu li t-titolu fuq bicctejn makkinarju numru 7 u 8 f'*Schedule* B, cioe` Thrissel B u C *Flute Single Facer* u *tliet shaftless reels stands* kellu jghaddi ghand is-socjeta` attrici malli thallas il-bilanc finali ta' 30,000 lira Sterlina, liema hlas kien soggett ghal certifikazzjoni finali minn T.T. Engineering wara li jigi stallat il-makkinarju.

Il-partijiet ftehmu wkoll illi l-makkinarju kellu jigi konsenjat ghat-trasport lejn Malta sal-ahhar ta' Lulju 1990. Parti mill-makkinarju cioe`, il-*laminator*, kien intwera lill-membri tas-socjeta` attrici meta marru Spanja fejn kien istallat go fabbrika. Makkinarju iehor gie konsenjat minghajr ma gie spezzjonat qabel.

It-talbiet attrici huma ibbazati fuq zewg lanjanzi, cioe` li l-apparat konsenjat ma kienx skond il-kwalita` miftehma u li l-istess appart kien b'difetti, u kwindi talab id-danni.

Is-socjeta` konvenuta eccepiet id-dekadenza ta' l-azzjoni da parti tas-socjeta attrici in kwantu l-azzjoni hi bazata fuq l-*actio redhibitoria*. L-artikolu 1431 tal-Kodici Civili jistabbilixxi li l-azzjoni *redhibitoria* jew *aestematoria* naxxenti minn difetti fl-oggett mibjugh jaqghu bil-preskrizzjoni ta' sitt xhur (dak iz-zmien xahar) minn dakinhar tal-kunsinna tal-haga.

Jirrizulta mill-atti u korrispondenza esebita li l-makkinarju li kien Malta kellu jigi stallat f'Awissu 1990 u li problemi dwaru insorgew mill-ewwel. Is-socjeta` attrici hadet passi bil-Qorti fl-14 ta' Novembru 1991, hafna u hafna zmien wara li qamu l-problemi. Kien car mill-bidu nett li l-makkinarju ma kienx jiffunzjona sew, u minghajr f'dan l-istadju wiehed jidhol fil-mertu tal-lanjanzi, is-socjeta` attrici kellha rimedju car legali quddiemha pero`, flok irrifjutat il-makkinarju u agixxiet gudizzjarjament, biddlet l-inginiera li kellhom jistallaw il-makkinarju. L-azzjoni *redhibitoria* u/jew *aestimatoria* ghandha perijodu ta' dekadenza marbut maghha (ara **Carmelo Dimech vs Francis Xuereb**, App. Civ. 15.12.1997). Il-fatt illi s-socjeta` konvenuta ghenet biex jinbidlu l-inginiera ma jfissirx b'daqshekk illi hi assumiet responsabbilta` ghal difetti. *Del resto* hafna mil-lanjanzi jirrizultaw li kienu diretti lejn certu Terry Ratford l-inginier tat-T.T. Engineering, inkarigat jistalla l-makkinarju u li irrizulta ma kienx kompetenti. Minn din l-ottika legali s-socjeta` attrici kellha triq ben delineata u ma hadithiex. Trattativi u diskors ta' ghajnuna jew pariri ma jinterrompux il-preskrizzjoni sakemm id-debitur ma jkunx irrikonoxxa l-vizzju jew ma ikkontestax l-eziztenza tieghu. Tali rikonoxximent irid ikun car, formali, esplicitu u inkondizzjonat, (ara **Anthony Vella vs Mario Callus**, PA 26.05.1997). F'dan il-kaz din il-prova ma ngibitx mis-socjeta` attrici. Kwindi fuq din it-tezi l-azzjoni attrici bazata fuq difetti ma tistax tirnexxi.

Is-socjeta` attrici qed ukoll tintenta l-azzjoni taghha fuq in-nuqqas tas-socjeta` konvenuta li tikkonsenja l-makkinarju mibjugh skond il-kwalita pattwita.

Din l-allegazzjoni ssib il-fondament taghha fl-artikolu 1390 tal-Kodici Civili u r-rimedju tax-xerrej hu dak kontemplat fl-artikolu 1407 li jghid li "l-azzjoni li tmiss lill-bejjiegh ghal zieda tal-prezz u dak li tmiss lix-xerrej ghat-tnaqqis fil-prezz jew li jerga' lura mill-kuntratt u jitlob id-danni jintilef gheluq sentejn mill-kuntratt."

Ma hemmx problema li fil-fatt l-azzjoni attrici saret *entro* t-terminu preskritt fil-ligi. L-esponent pero` jsib diffikulta` insormontabbli meta jqabbel it-talbiet attrici li huma cari u specifici mar-rimedji daqstant iehor specifici li taghti l-ligi. Il-ligi taghti lix-xerrej zewg opzjonijiet meta jiskopri li l-oggett mibjugh mhux tal-kwalita` pattwita u dawn huma r-rifjut ta' l-oggett u talba ghad-danni, jew iz-zamma ta' l-oggett u diminuzzjoni fil-prezz minhabba n-nuqqasijiet (ara **Nicholas Borg vs Mauro Farrugia noe,** PA 28.10.72). Is-socjeta` attrici *invece* ghamlet kawza fejn talbet li tigi moghtija d-danni minghajr ma specifikat l-ghazla taghha mir-rimedji moghtija mill-ligi. Mhux il-kompitu tal-Qrati li tinterpreta l-intenzjoni tal-parti meta l-ligi hi cara u tpoggi oneru u obbligu fuq il-parti li jispecifika b'mod car u inekwivokabbli t-talba tieghu. Talba ghad-danni maghmula b'mod generiku ma tistax tintlaqa' meta l-ligi hi cara u inekwivoka. Talba ghad-danni mhux permessibbli meta l-ligi hi ezawrjenti ghar-rimedji applikabbli ghax-xerrej. Hu minnu li mill-atti irrizulta li x-xerrej zamm l-oggetti u elenka dak li qed jippretendi pero` dan qed jippretendih in linea ta' danni subiti u mhux bhala raguni ghall-evalwazzjoni mill-gdid tal-valur u diminuzzjoni fil-prezz. Fil-fatt ma saret ebda talba *ad hoc* da parti tas-socjeta` attrici biex jigi stabbilit il-valur reali tal-makkinarju mibjugh bl-opra ta periti, mehud in konsiderazzjoni l-lanjanzi ta' l-istess socjeta` attrici. Ma jistax wiehed anqas jallaccja l-azzjoni ghad-danni konsegwenzjali ghar-rifjut ta' l-oggett mibjugh ghax il-makkinarju ma giex rifjutat. L-uniku cedola ta' depozitu li saret mis-socjeta` attrici li taghha giet prezentata kopja fil-mori tal-kawza (Dok MG2) a fol 316 tal-process tirreferi ghal bicctejn makkinarju li fl-

istess skrittura ta' bejgh, il-venditur zamm it-titolu fuqhom sakemm jithallas il-bilanc tal-prezz mis-socjeta` attrici. Din ic-cedola saret, kif jirrizulta mill-istess ragunijiet moghtija, biex taghmel tajjeb ghad-danni u bhala preservazzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati u ghal ebda raguni ohra.

Is-socjeta` attrici, fl-eccezzjonijiet ghall-kontro talba tindika l-preferenza taghha biex tircevi l-makkinarju bi prezz inqas. Pero` din mhix talba fil-veru sens u ma tistax tigi allaccjata mac-citazzjoni attrici bhala kjarifika. In-natura tat-talbiet attrici fic-citazzjoni minnha proposti huma cari u ma jhallux spazju ghall-interpretazzjoni larga jew korrezzjoni fl-atti minghajr pregudizzju irimedjabbli ghall-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u dan mhux permessibbli fil-ligi.

Fil-kawza **Briffa vs Mallia**, deciza minn din il-Qorti (per Onor. R. C. Pace) fit-28 ta' Frar, 2002, intqal:
"Illi ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni attrici kif inhi imposta bhala azzjoni merament ta' danni ma ghandha ebda bazi guridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistghux jintlaqghu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgh, fejn l-unici azzjonijiet li huma disponibbli ghall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett lantenti skond l-artikolu 1427 u l-azzjoni fuq indikata li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita abbazi ta' l-artikolu 1390 tal-Kap. 16.

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Nadia Cassar et vs Charles Pace noe** (Qorti tal-Kummerc. Onor. J. D. Camilleri) 13 ta' Marzu 1995), fejn inghad illi l-azzjoni ta' danni proposta mill-kompratur huma biss dawk elenkati fl-istess Kodici Civili taht it-Taqsima 2, Titolu 6, Sub-titolu 4 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan abbazi ta' l-insenjament maghmul fis-sentenza **Scicluna vs Scerri** (Kummerc 16 ta' Jannar, 1958 – XLII.ii.855), fejn inghad illi: "l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli specjali li ghandhom ghalhekk jipprevalu ghad-disposizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratti; u li la darba l-ligi stess iddeterminat l-effetti tal-vizzji,

m’ghandhomx jigu moghtija lix-xerrej, drittijiet, u lil venditur imposta oneri, akbar minn dawk indikati fil-ligi”.

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet **Anthony McKay vs Alfred Cassar** (Kummerc Onor. J. Filletti 10 ta’ Dicembru, 1992), fejn gie ikkonfermat li l-azzjoni ta’ danni ma tistax tirnexxi minnflok l-*actio aestimatoria* u/jew *redhibitoria* jew l-azzjoni skond l-artikolu 1390, u dan gie kkonfermat fis-sentenza **JC Hydraulics Ltd vs Waste Control Services Limited** (Prim’Awla, Onor. R. C. Pace, 28 ta’ Gunju 2001).

Illi fil-fatt fl-istess sentenza gew affermati s-segwenti principji u cioe li minn dak fuq premess jirrizulta li *per analogia* u applikati l-principji fuq esposti jirrizulta li:

(a) tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-unici permissibbli lix-xerrej;
(b) it-talbiet tax-xerrej huma limitati ghal dak li jipprovdu d-disposizzjonijiet ta’ l-istess artikoli, b’dan ghalhekk li f’kawza tan-natura ta’ dik kontenuta fil-kontro-talba (f’dan il-kaz citazzjoni) odjerna u abbazi ta’ l-artikolu 1390 u/jew l-artikolu 1427 tal-Kap 16 kellha tintalab ‘*sine qua non* li:

i) l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita jew dikjarazzjoni ta’ difett latenti;
ii) talba ghall-iffissar tal-prezz inqas u konsegwenti rifuzjoni ta’ parti mill-prezz li tirrizulta li hija in eccess ta’ dak stabbilit mill-Qorti jew li tinghata l-haga lura u jintradd il-prezz, jew abbazi ta’ l-artikolu 1390 jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew jircievi l-haga bi prezz inqas fuq stima ta’ periti.”

L-esponenti jissottometti li l-azzjoni attrici hi mankanti f’dak li hu fondament legali tat-talbiet premessi u ghalhekk ma jistghux jigu indirizzati.

Is-socjeta` konvenuta ghamel kontro-talba ghall-hlas tal-bilanc dovut lilha skond il-ftehim tal-5 ta’ Gunju 1990. Hi ipprezentat in sostenn ta’ dan sentenza moghtija mill-*High Court of Justice, Queens’ Bench Division, Manchester District* tat-18 ta’ Gunju 1992.

Is-socjeta` attrici eccepiet ir-*res judicata*.

It-talba tas-socjeta` konvenuta hi ghall-kundanna tas-socjeta` attrici ghall-bilanc dovut. Mis-sentenza esebita jirrizulta li t-talba saret bejn l-istess partijiet, precizament ghall-bilanc dovut mill-istess socjeta` attrici skond il-kuntratt tal-5 ta' Gunju 1990. Ma hemmx kuntestazzjoni li din is-sentenza marret in gudikat jew li tali sentenza ma ghandhiex ikollha l-validita` ta' sentenza moghtija skond il-ligi u regoli generali tal-gustizzja naturali.

Is-socjeta` konvenuta taghmel accenn biss li regghet fethet il-kawza mill-gdid minhabba diffikulta` ta' esekuzzjoni kontra s-socjeta` attrici.

L-esponent jissottometti li l-provi juru li l-eccezzjoni attrici tilhaq il-kriterji mehtiega, cioe` *eadem res*, *eadem personam* u *eadem causa petendi*. Meta hemm gja sentenza li marret in gudikat bejn l-istess partijiet, fuq l-istess mertu u oggett preciz, tinghata fejn tinghata kemm f'Malta u kemm fl-esteru (sakemm il-Qorti hi wahda rikonoxxuta bhala tali) ma tistax tingieb l-istess kawza identika ghall-kundanna tad-debitur. Ir-rimedji tal-kreditur huma t-titoli ezekuttivi li jistghu jintuzaw. In-nuqqas ta' success fl-esekuzzjoni ma jaghtix l-opportunita` lill-kredituri biex jerga' jistitwixxi kawza ohra identika bhal dik gudikata biex jirribatti t-talbiet tad-debitur.

Ghalhekk l-esponenti jissottometti li l-eccezzjonijiet tar-*res judicata* ghandha tigi milqugha u t-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta konvenuta michuda."

**G. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-fatti tal-kaz gew abilment deskritti tajjeb hafna fl-ewwel u t-tieni paragrafi tal-kunsiderazzjonijiet legali tal-Perit Legali Dr.Mark Chetcuti (ara fol 11 *supra*) u li ghalhekk m'hemmx ghalfejn li din il-Qorti toqghod tirrepeti l-fatti.

***<u>G1. Kap 16 art 1431:</u>***

L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta hija bazata fuq id-dekadenza ta' l-azzjoni attrici bhala bazata fuq l-*actio redhibitoria*:
"Illi qabel xejn, l-azzjoni proposta mill-attur, safejn hija dwar difetti mohbija, hija milquta bid-dekadenza skond il-ligi".

Issa, dan l-artikolu jghid hekk:
"1431. (1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqghu bil- preskrizzjoni, ghal dawk li huma immobbli, bl-eghluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, ghal dawk li huma hwejjeg mobbli, bl-eghluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal- haga mibjugha.
(2) Izda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haga, iz-zminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx jghaddu hlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett."

Fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Dimech vs Francis Xuereb et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fil-15 ta' Dicembru 1997 inghad li:
"Il-perjodu ta' dekadenza jibda jiddekorri minn meta l-kumpratur seta' jiskopri d-difett, u mhux minn meta jistabbilixxi l-kawza tad-difett. Malli kellu dubju ragjonevoli ghall-ezistenza tad-difett, il-kumpratur kellu l-obbligu li jinvestiga n-natura u t-tip ta' difett. Il-ligi ma riditx li thalli d-dubji."

Fil-kawza **Edward Fenech et vs Gaetano Spiteri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fl-4 ta' Lulju 1990 inghad li t-terminu jibda jiddekorri minn dak in-nhar li seta' jkun li nkixef id-difett u li dan it-terminu huwa wiehed ta' dekadenza u ghalhekk perentorju:
"Biex il-kompratur jista' jsostni l-azzjoni tieghu proposta wara d-dekors taz-zmien jehtieglu jipprova illi huwa, fiz-zmien utili, informa lill-venditur bil-vizzju tal-haga u li dan, f'dan iz-zmien, ipprometta li jiehu l-haga lura, jew almenu rrikonoxxa jew ma kkuntrastax l-ezistena tal-vizzju tal-haga u li dan, f'dan iz-zmien, ipprometta li jiehu l-haga lura, jew almenu rrikonoxxa jew ma kkuntrastax l-ezistenza tal-vizzju. Ir-rikonoxximent tal-vizzju da parti tal-

venditur biex jissospendi d-dekadena, irid ikun car, formali, esplicitu u inkondizzjonat.”

Ghalkemm il-perjodu ta’ dekadenza indikat huwa wiehed ta’ sitt [6] xhur minn dakinhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha, dak il-perjodu ta’ dekadenza kien ta’ xahar. Mix-xhieda irrizulta bl-aktar mod car li l-makkinarju kellu jigi stallat Malta f’Awissu ta’ l-1990. Il-problemi fuq dan il-makkinarju qamu mill-ewwel izda kien fl-14 ta’ Novembru 1991 meta s-socjeta` attrici hadet l-ewwel passi legali. Dan jaghmilha cara li l-perjodu ta’ dekadenza preskritt mil-ligi kien ghadda. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijet peritali dwar dan l-aspett u ghalhekk tilqa’ l-ewwel eccezzjoni (fol 42) li sa fejn l-azzjoni hija fuq difetti mohbija, din hija milquta mid-dekadenza skond il-ligi, u ghalhekk taqbel mal-konkluzjonijiet peritali.

***<u>G2. Kap 16 artikoli 1390 u 1407:</u>***

L-artikolu 1390 jghid:

“1390. Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista’ jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta’ periti.”

L-artikolu 1407 (1) jghid:

“1407. (1) L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegh ghaz-zjieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej ghat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerga’ lura mill-kuntratt, tintilef eghluq sentejn minn dak in-nhar tal-kuntratt.”

Fil-kawza **Benjamin Micallef vs Nazzareno Cassar**, deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fis-26 ta’ Ottubru 2004, inghad li:

“Il-Qrati taghna dejjem sostnew li x-xerrej huwa intitolat ghall-ghazla tieghu, espressa f’kundizzjoni. Hekk, fil-kawza deciza fil-Qorti tal-Kummerc, fit-28 ta’ Ottubru, 1992 fl-ismijiet ‘**Nicholas Borg vs Marco Farrugia ghan-nom ta’ Zorin Limited**’, il-Qorti ghaddiet biex tirrexindi bejgh ta’ *computer*, billi wahda mill-kundizzjonijiet kienet

illi l-computer kellu jkun maghmul il-Gappun, mentri l-wiehed mibjugh kien mahdum f'Taiwan."

Jidher car mil-lokuzzjoni tal-ligi li x-xerrej ghandu ghazla specifika u cioe` dik li jew jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas. Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fid-19 ta' Mejju 2000, fl-ismijiet **John Mary Dalli vs Grezzju Patiniott**, inghad li:
"Mill-banda l-ohra, jekk il-kompratur jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skond kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalita` pattwita, il-kompratur ikun qieghed jippregudika irremedjabilment il-posizzjoni tieghu."

Ukoll, fil-kawza fl-ismijiet **L & D Attard Co Limited vs Eurometal Company Limited** deciza fit-28 ta' Jannar 2005 mill-Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri nghad:
"Dawn il-Qrati dejjem irritenew li biex ix-xerrej jehles mir-rabta kontrattwali li kien dahal fiha li jakkwista l-oggett minghand il-venditur, fejn dak l-oggett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond il-kwalita` mwieghda, hu kellu jirrifjutah jew materjalment jew billi jiddepozitah taht l-Awtorita` tal-Qorti (**Avv. Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs. Pauline Buhagiar nomine**, Appell Civili, 28 ta' April 2000). Naturalment skond l-istess termini ta' l-artikolu tal-ligi, huwa seta' wkoll jaghzel li jaccettah u jhallas prezz anqas ghalih fuq stima ta' perit."

Il-mod kif giet imposta l-azzjoni odjerna juri talba ghal danni. Issa talba ghal danni taht l-artikolu 1390 hija marbuta mar-rifjut tal-haga, li fil-kaz in ezami ma saritx. Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi **Briffa vs Mallia** deciza mill-Prim'Awla fit-28 ta' Frar 2002, **Cassar vs Pace** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-13 ta' Marzu 1995, **Scicluna vs Scerri** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-16 ta' Jannar 1958, **McKay vs Cassar**, Kummerc, 10 ta' Dicembru 1992, fejn dejjem gie konfermat li l-azzjonijiet permissibbli huma dawk imsemmija fil-ligi u t-talbiet tax-xerrej huma limitati fuq dik l-*aestimatoria* u *redhibitoria* u kif stabbilit fl-artikolu 1390. Ghall-istess ragunijiet indikati

mill-Perit Legali fir-rapport tieghu, il-Qorti tilqa' wkoll din l-eccezzjoni.

***<u>G3. Ezami tal-kontro-talba:</u>***
Is-socjeta` konvenuta ghamlet kontro-talba ghall-hlas tal-bilanc dovut u ipprezentat sentenza moghtija mill-*High Court Of Justice, Queen's Bench Division*, tat-18 ta' Gunju 1992. Il-Perit Legali wasal ghall-konkluzjoni li din kienet *res judicata* u l-eccezzjoni ghaliha ghandha tigi milqugha. Jinghad li fiz-zmien relevanti, l-ezekuzzjoni ta' sentenzi kienet tiddependi mill-artikolu 52 u s-sentenzi tat-Tribunali Inglizi ma kellhomx effett daqs li kieku kienu sentenzi tal-Qrati Maltin, izda kien necessarju l-procedura ta' *exequatur* b'registrazzjoni mill-Qorti ta' l-Appell. Infatti kien biss mid-data ta' registrazzjoni li sentenza Ingliza jkollha l-istess sahha u effett u setghet tigi ezegwita bl-istess mod daqs li kieku kienet sentenza Maltija [artikolu 3 (3) (a)]. Minghajr dik ir-registrazzjoni ma kienx ikollha effett. Peress li r-registrazzjoni ma saritx, is-sentenza tat-18 ta' Gunju 1992 ma setghetx tigi ikkunsidrata bhala *res judicata* izda setghet isservi biss bhala prova ta' l-ezistenzi ta' proceduri ohra. Ghalhekk l-eccezzjoni tar-*res judicata* ma tistax tintlaqa', kuntrarjament ghal dak li sostna l-Perit Legali.

Izda jibqa' xorta li l-kontro-talba fil-forma kif saret kienet procedura mhux legalment tajba ghax infatti kif issemma hawn fuq, kien hemm procedura specifika u qorti specifika fejn kellha ssir ir-registrazzjoni tas-sentenzi, u ghalhekk il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta ma tistax tigi milqugha.

***<u>G4. Ir-raba' eccezzjoni tat-talbiet rikonvenzjonali:</u>***
Skond il-kuntratt kull bilanc li seta' jkun dovut lis-socjeta` konvenuta seta' jintalab biss wara l-hrug ta' certifikat minn T. T. Engineering, liema certifikat kellu jikkonferma li l-makkinarju gie stallat adegwatament u ghas-sodisfazzjon tas-socjeta` attrici, u dan kif jidher mill-artikolu 3 (iii). Jinghad li mill-provi ma jirrizultax li dan ic-certifikat gie mahrug minn din is-socjeta` u ghalhekk ic-certifikat ma nharigx, u b'hekk is-socjeta` konvenuta kienet

inadempjenti fl-ezekuzzjoni ta' l-obbligi kuntrattwali taghha.

**H. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta ghar-ragunijiet imsemmija taht "G3" u "G4".

Tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, u naturalment tichad it-talbiet attrici u dan ghall-motivi msemmija taht "G1" u "G2".

Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------